**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 19.10.08: SOLENNITA' TA' JUM IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA.**
Illum hija wkoll IL**-ĠURNATA MISSJUNARJA**.
Il-ġbir li jsir llum fil-knisja u fit-toroq ikun għall-Missjoni.
**Fit-3.30p.m.** Għasar Kantat tal-Konsagrazzjoni
**Fil-4.00p.m**. quddiesa Kantata.
Min illum jinvista l-knisja u jitlob għall-fehma tal-Papa jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.
**L-ERBGĦA, 22.10.08: Fis-7.30p.m**.-Rużarju fil-beraħ. Illum imiss fiz-zona ta' Main Street, ħdejn id-Duluri.
Nistiednu lill-familji kollha ta' din iż-żona biex jieħdu sehem f'din it-talba għażiża.
**IL-ĦAMIS, 23-10-08: Fis-7.30p.m.** se jsir High Tea organizzat mill-parroċċa u se jkun fid-Dar Parrokkjali.
Biljetti minn għand l-organizzaturi.
**IL-ĠMIGĦA, 24.10.08: LAQGĦA TA' FORMAZZJONI**
**Fis-7.30p.m.** se ssir il-Laqgħa ta' formazzjoni bi tħejjija għall-Missjoni Djoċesana. Din id-darba se tkun fil-parroċċa tagħna u se tkun mhux biss għall-Missjunarji li se jieħdu sehem fil-Missjoni Djoċesana imma se tkun miftuħa wkoll għal kulħadd.
Il-Post ikun fid-Dar Parrokkjali.
Se jmexxi l-laqgħa l-Kan. Dun Noel Saliba.
**IS-SIBT, 25.10.08:** Illum se ssir l-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati. Se tkun fis-Santwarju Ta' Pinu u tibda b'quddiesa minn Mons. Isqof Mario Grech fis-6.30p.m. Ix-xarabank mill-parroċċa tagħna titlaq mill-Pjazza tal-Knsija fis-6.00p.m.

**IL-ĦADD, 26.10.08:** IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.
**Fil-4.00p.m**. quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija.

**GRAZZI…**
Nixtieq f'isem il-komunita' tal-parroċċa tagħna ngħid Grazzi lid-Djaknu Richard Farrugia,(mix-Xagħra) li matul is-sena li għaddiet ħa ħsieb b'dedikazzjoni kbira l-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa tagħna.
Huwa mexxa l-laqgħat b'mod regolari kull nhar ta' Sibt u anke organizzalhom diversi attivitajiet.
**NAWGURAW…**
Lis-Seminarista Trevor Sultana (mix-Xewkija) li se jieħu post id-Djaknu Richard Farrugia fit-tmexxija tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet fil-parroċċa. Barra minn hekk huwa se jkun magħna s-Sibt fil-għaxija u l-Ħadd fil-għodu biex jieħu sehem fl-animazzjoni tal-quddies u anke f'oqsma oħra tal-pastorali. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

**Seminar**
Se jsir seminar biex ifakkar l-20 sena ta' l-Ittra Apostolika tal-Papa Gwanni Pawlu II dwar id-Dinjita' tal-Mara. Dan se jkun fis-sala tas-Seminarju nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru u jibda fid-9.30a.m. Kulħadd mistieden.

**TILQIMA**
Il-Kunsill Lokali javża li ser terġa tiġi organizzata t-Tilqima kontra l-Influwenza Vaccine b'xejn għal persuni 'l fuq minn 55 sena. Kull min hu interessat hu mitlub li jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill matul din il-ġimgħa.

**IKLA TA' SAN MARTIN**
Se ssir ikla ta' San Martin fis-Seminarju bħala Fund Raising. Is-Sibt 15 ta' Novembru fis-7.30p.m. Biljetti mis-Seminarju.